13 ta' Frar, 1954

Imħallef:
Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Carmela Scinto et.

**Disturb ta' l-Ordni Publiku — Art. 352 (bb) tal-Kodiċi Kriminali**

*L-element tar-reat ta' disturb ta' l-ordni publiku previst fl-inċiż (bb) ta' l-art. 352 tal-Kodiċi Kriminali huwa l-eżistenza ta' fatt li jneħħi jew inaqqas l-opinjoni tas-sikurezza publika jew tas-sikurezza individwali; b'mod li ma huz biżżejjed li jsir ġrvell u għajjat li jiddisturbaw liċ-ċittadin fl-okkupazzjonijiet ordinarji tiegħu, mingħajr ma jkun hemm apprensjoni jew allarm fil-publiku.*

Fuq l-imputazzjoni li, waqt li kienu fil-btieħi tagħhom, il-Hamrun, fit-28 ta' Settembru, 1953, f'xis-1.30 p.m., għamlu storbju bl-għajjat b'mod li jinstama' mill-publiku, iż-żewġ imputati, b'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tal-10 ta' Novembru, 1953, ġew misjuba mhux ħatja u liberati;

L-Attorney General appella minn din id-deċiżjoni;

Trattat l-appell, din il-Qorti kkunsidrat;

Il-fatti ma humiex kontrastati. Fil-jum, post u ħin indi-

kati *fiċ-ċitazzjoni*, l-imputati kienu qegħdin jgħajtu, jitgħajru, mill-btieħi tad-dar tagħhom, separati dawn iż-żewġ btieħi bi btieħi oħra;

Il-Maġistrat illibera għaliex irritjena li l-fatt ma jistax jaqa' taħt l-inċiż (m) ta' l-art. 352 Kap. 12 Ediz. Riv., għax dan jikkontempla fatt li jsir bil-lejl; u sa hawn ma hemmx kwistjoni. Irritjena wkoll li l-fatt ma jaqgħax taħt l-inċiż (bb) ta' dak l-artikolu, għaliex dan l-inċiż jikkontempla fatti li jnaqqsu *fiċ-ċittadin is-sens ta' sikurezza*, u mhux biżżejjed li jkun hemm l-ixvell;

Il-Prosekuzzjoni tikkontesta din l-interpretazzjoni ta' l-aħħar, u esseṫni li *l-apprensjoni jew allarm fil-publiku* ma hix element "sine qua non" tar-reat imsemmi fl-inċiż (bb), u li hemm il-vjolazzjoni tal-bwon ordni pubbliku jew tal-kwiet tal-publiku anki meta, bla ma jkun hemm dik l-apprensjoni, jkun hemm ixvell jew *għajjat li jiddisturbaw iċ-ċittadin fl-okkupazzjonijiet ordinarji tiegħu*;

Din il-Qorti tipprop endi li tirritjeni, u fil-fatt qegħedha *tirritjeni*, bħala *korrett* dak li hemm fis-sentenza appellata. Infatti:

1. Ma tantx hi superabbli l-obbjezzjoni li, kieku l-inċiż (bb) kellu s-sens li trid tagħtieh il-Prosekuzzjoni, allura ma kienx ikun hemm bżonn ta' l-inċiż (m); għaliex u-ħsejjes, għajjat, eċċ. li jiksru l-mistrieħ tal-pubbliku, sija pure billejl, kienu jidħlu taħt l-inċiż (bb). L-inċiż (m) jgħid hekk: "...... bil-lejl, jikser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat, *jew b'xi mod ieħor*". *L-inċiż (bb)* jgħid hekk: "...... xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra f'dan il-Kodiċi, jikser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku". Sempliċi raffront tad-*diċitura taż-żewġ inċiżi* juri kemm kien ikun pleonastiku l-ewwel inċiż kieku t-tieni kellu s-sens li trid tagħtieh il-Prosekuzzjoni. Il-Prosekuzzjoni ppruvat tagħti spjegazzjoni ta' din l-oġġezzjoni fir-rikors ta' l-appell, u semmiet tliet raġunijiet: (a) l-ewwel, li, mentri l-inċiż (m) jirrigwarda d-disturb tal-mistrieħ tal-pubbliku, l-inċiż (bb) jirrigwarda d-disturb ta' l-okkupazzjonijiet ordinarji taċ-ċittadini; u ċċitat regolament tal-Pulizija tal-Liġijiet Toskani. Imma fir-regolament toskan ċitat hemm dawk *il-kliem*, li ma hemmx

fil-Liġi Maltija, u ma jistgħux jiġu mpurtati fiha; u dan kien id-difett fis-sentenza ta' din il-Qorti "La Polizia vs. Dr. Mifsud Bonnici", 18 ta' Mejju, 1929, li fil-kommenti tagħha dwar dak li l-lum huwa l-inċiż (bb) — Vol. XXVII-II-723 — irriproduċiet, bħal li kieku kienu fil-Liġi Maltija, il-kliem ta' dan ir-regolament toskan; (b) it-tieni, li fl-inċiż (m) il-leġislatur ried jikkontempla forma speċjali ta' disturb tal-kwiet pubbliku biex jagħtiha aktar rilevanza; iżda forma speċjali teżiġi forma diversa ta' reat, u mhux l-istess reat; u (c) it-tielet, li l-kliem fl-inċiż (bb) "b'xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra f'dan il-Kodiċi" juru li dan l-inċiż għandu karattru residwali. Lanqas din l-osservazzjoni ma hija eżatta, għax, kif jidher mis-sentenza awtorevoli ta' Sir Adrian Dingli ċitata aktar il-quddiem, dik ir-riżerva qegħdha għall-każijiet aktar gravi ta' delitti, kif inhuma dawk ta' l-artikoli ċitati fl-istess sentenza li sejra tiġi ċitata. U del resto, kieku dawk il-kliem kienu b'riferenza għall-inċiż (m), ma tantx huma adatti l-kliem "band'oħra f'dan il-Kodiċi", imma kienet issir riferenza diretta għall-inċiż. Minbarra dan, ma hux loġiku li minn dawk il-kliem "b'xi mod ieħor ......" jiġi inferit dan il-karattru residwali, għaliex fl-inċiż (m) diġà hemm l-istess kliem "jew b'xi mod ieħor";

2. L-Imħallef sedenti ma jaqbelx ma' l-Attorney General li l-interpretazzjoni mogħtija minn Sir Adrian Dingli fis-sentenza "Ispettore Raffaele Calleja vs. Paolo Bugeja et.", 10 ta' Ġunju, 1890, Vol. XII, p. 472 (ara l-ewwel kolonna paġ. 475) hi eżemplifikattiva u ma teżawrixxix il-konċett kollu tar-reat. Mit-tieni paragrafu tal-kolonna fuq ċitata jidher ċar li n-nota karatteristika u l-element essenzjali tar-reat fl-inċiż (bb) huma li jkun hemm fatt li jneħħi jew inaqqas l-opinjoni tas-sikurezza pubblika jew tas-sikurezza individwali; tant li dak l-illustri ġurista jiċċita l-artikoli tal-Kodiċi li jikkontemplaw reati "ejusdem generis", li ċjoè jneħħu jew jiskwotu l-opinjoni tas-sikurezza pubblika jew individwali u jġibu l-allarm u l-apprensjoni fil-pubbliku, u li huma ta' forma aktar gravi;

3. Il-kliem "public good order or the public peace" fl-inċiż (bb) jirċievu l-istess interpretazzjoni fil-Liġi Ingliża; u

forsi ma hux ozjus li jiġi notat li l-kliem "public peace" huma karatteristiċi tas-sistema Ingliża, fejn il-King's Peace (jew Queen's Peace) hija, kif jiddefiniha l-Moriarty — Police Law, 9th edition 1948, p. 193, "the normal state of society, and any interruption of that peace and good order which ought to prevail in a civilised country is a breach of the peace". Ikompli jgħid dan l-awtur: "Breaches of the peace may be serious, affecting large numbers of people, such as riots; they may involve comparatively few persons, such as affrays; and they may consist of acts of violence confined to two or more persons, such as assaults";

Għalhekk hi aktar konsona għar-raġuni u l-loġika ta' l-ermenewtika legali l-interpretazzjoni mogħtija lill-inċiż (bis) mill-Qorti t'Isfel — liema interpretazzjoni hi suffragata bis-sentenza fuq ċitata. U l-Imħallef sedenti ma jħossx li għandu jiddipartixxi minnha;

Issa, hu evidenti li fil-fatt pruvat għak-kariku ta' l-imputati ma kien hemm xejn li seta' ġieb apprensjoni fil-pubbliku;

Għalhekk tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell tal-Prosekuzzjoni u tikkonferma s-sentenza appellata.